**Infetħu l-bibien**

Bdew jinfetħu l-bibien tat-tama kbira
Li din is-sena qed jagħtina l-Mulej,
Oh kemm irid li ma nibqgħux ilsiera
U kemm iridna ħielsa għaż-żmien li ġej.

Għax id-dinja kollha tant qed tibkilna
Biex immorru nxandru l-hena kullimkien,
Ta' dak Kristu, il-Bieb li jintefħilna
Kull meta ninħelsu mill-frugħat tal-jien.

Ejja għalhekk, o Mgħallem, kbir Feddej tagħna
Ejja eħlisna minn dal-għawġ u minn dil-ħsara,
Bit-tama, li int fik innisfek, magħna
Oħroġna għall-mergħat tiegħek bil-ħrara.

Imqabbdin minn imħabbtek kollha nirien
Inħossu l-fidwa kif jinfetħu l-bibien.

Patri Mario Attard OFM Cap
4 ta' Jannar 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.